MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 322/2014

**Banif Bank (Malta) plc C41030**

**-VS-**

**Christine Gauci K.I. numru 205088(M)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat tal-kumpannija Banif Bank (Malta) plc tal-15 t'April, 2014 li jaqra hekk:

1. *"Illi l-kumpannija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;*

2. *Illi l-konvenuta hija klijenta tal-kumpanija attrici;*

3. *Illi l-konvenuta isselfet:*

   a. *l-ammont ta' sebgha u disghin elf Euro u mija (€97,100) ai termini ta' kuntratt pubbliku datat 11 ta' Lulju 2011, u maghmul fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena*

*(ara Dok. A) , l-Credit Agreement datat 30 ta' Marzu 2011, (ara Dok. B) u, dan sabiex takkwista u tirranga propjeta mmobbli. Dan l-ammont kien maqsum fis-segwenti:*

*i.House Loan I - tmenin elf u mitt euro (€80,100),*
*ii.House Loan II - tnax-il elf u erba' mitt Euro (€12,400),*
*iii Personal Loan - erbat elef u sitt mitt Euro (€4,600), u*

b. *l-ammont t'elfejn, tlett mija u hamsin euro (€2,350) ai termini ta' Credit Agreement datat13 ta' Marzu 2013 (ara Dok. C) bhata self personali;*

4. *Illi dan is-self ghadu ma thallasx u fil-prezent, d-dejn tal-konvenuta naxxenti minn dan is-self hu kif gej:*

a. *Wiehed u tmenin elf, tlett mija u sbatax -il Euro u sitta u sittin centezmu (€81,317.66) dovuti fuq il-Loan Account numru 178039 71 001, u li jinkludu ukoll imghaxijiet ta' mitejn, erbgha u sebghin Euro u sebgha u sittin centezmu (€274.6)* (ara Dok. D),*u*

b. *tnax-il elf, erba' mija, sitta u tletin Euro u tnejn u disghin centezmu (€12,436.92) dovuti fuq il-Loan Account numru 178039 71 003 u li jinkludu ukoll imghaxijiet ta' sitta u tletin Euro u trax-il centezmu (€36.12) (ara Dok. E); u*

c. *erbat elef, seba' mija, disgha u tmenin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€4,789.81) dovuti fuq il-Loan Account numru 178039 71 002 u li jinkludu ukoll imghaxijiet ta' sitta u ghoxrin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€26.25) (ara Dok. F), u*

d. *elfejn, hames mija, trejn u hamsin Euro u trnien centezmi (€2,552.08) dovuti fuq il-Loan Account numru 178039 70 001, u li jinkludu ukoll imghaxijiet ta' sebgha u erbghin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€47.47) (ara Dok. G).*

5. *Illi l-konvenuta hija wkoll debitrici tal-kumpannija attrici fl-ammont ta':*

a . *Hames mija erbat Euro u trnienja u erbghin centezmu (€504.48), fi spejjez konnessi mas-self fuq imsemmi, liem'ammont jinkludi mghaxijiet ta Euro u tlettax-il centezmu*

*(€1.13) (ara Dok. H) u hu dovut fuq il-Current Account li l-konvenuta ghandha mal-kumpannija attrici bin-numru 178039 10 001 (ara Dok. I), u*

b. *Tlett mija, sebgha u ghoxrin Euro u erbgha u tletin centezmu (€327.34), liem'ammont jinkludi mghaxijiet t'Euro u ghoxrin centezmu (€1.20) (ara Dok. D u hu dovut fuq il-Credit Card numru 4196796000073634 li l-konvenuta ghandha mal-kumpannija attrici (ara Dok. K);*

6. *Illi d-dejn kollu tal-konvenuta mal-kumpannija attrici jammonta ghal mitt elf u wiehed, disa' mija, tmienja u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€101,928.29) ;*

7. *Illi dan l-ammont sar dovut kollu lill-kumpannija attrici ai termini ta' :*

a. *L-Artikolu 11 (p) tal-Credit Agreement datat 30 ta' Marzu 2011, u l-artiklu 12 tal-Credit Agreement datat 13 ta' Marzu 2013 u msemmija aktar 'l fuq u dan ghax kif jistipulaw l-istess zewg Credit Agreements, sehhew wahda jew aktar mill-events of default, partikolarment izda mhux esklussivament:*

*"a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*
*b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*
*n) Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility", u*

b. *Artikolu 5 tat-Terms and Conditions (ara Dok. L) , Artikolu 6 tal- Conditions of Use marbuta mal-Current Account fuq imsemmi (ara Dok.M),u*

c. *L-Artikolu 11(f) tal-Conditions Of Use marbuta mal-Credit Card (ara Dok. N) ;*

8. *Illi l-kumpannija attrici ttentat tinterpella lill-konvenuta diversi drabi biex thallasha l-ammont dovut minnha, fosthom permezz ta' zewgt ittri legali datati 13 ta' Marzu 2013 u 26 ta' Settembru 2013 u ittra ufficcjali datata 9 ta' Dicembru 2013 (ara Dok. O, Dok. P u Dok. Q rispettivament), izda din baqghet inadempjenti;*

9. *Illi l-kreditu tal-kumpannija attrici huwa cert likwidu u dovut u l-konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attrici;*

10. *Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-kumpanija attrici titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta' l- Artikoli 167 et sequitur tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li l-konvenuta saret debitrici tal-kumpannija attrici fl-ammont ta' €101,928.29; u*

3. *Tikkundanna IiIl-konvenuta thallas lill-kumpannija attrici l-ammont ta' €101,928.29;*

*Bl-ispejjez, bank charges and fees u bl-imghaxijiet mill-10 ta' Marzu 2013 sad-data tal-pagament effettiv, bir-rati li gejjin: bit-tnax fil-mija (12%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq Loan Account numru 178039 70 001; bis-sitta punt tnejn fil-mija (6.2%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq Loan Account Numru 178039 71 001 u Loan Account numru 178039 71 003; bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq Loan Account numru 178039 71 002; Bl-ghaxra fil-mija (10%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq Current Account numru 178039 10 001; u bit-tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%) fuq l-ammont dovut fuq Credit Card nunuu 4196796000073634. Il-bank charges and fees u l-imghaxijiet qed jintalbu skond kif jinghad: fil-Credit Agreements fuq imsemmija in kwantu l-Loan Accounts kollha u wkoll skond it-Tariff of Charges (ara Dok. R) in kwantu Loan Accounts numri 178039 71 001 u u 178039 71 003 u skond it-Tariff of Charges (ara Dok.S) in kwantu Loan Account numru*

*178039 70 001; it-Terms and Conditions u l-Conditions of Use fuq imsemmija u t-Tariff of Charges relattivi (ara Dok.*
*T) in kwantu l-Current account u l-Conditions of Use fuq imsemmija u t-Tariff of Charges relattivi (ara Dok. U) in kwantu l-Credit Card. Il-konvenuta hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija attrici fil-konfront tal-istess konvenuta."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors promotur;

Rat id-digriet tas-17 t'April 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghat-Tnejn 12 ta'Mejju 2014 fil-9:45am (a fol. 62);

Rat li  l-atti tar-rikors guramentat, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-konvenuta baqa' kontumaci;

Rat id-digriet tagħha tal-Hamis 20 ta'Novembru 2014, li bih akkordat  lill-konvenuta terminu ta' gimghatejn zmien sabiex tressaq s-sottomissjonijiet, ai termini  tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-konvenuta ma ressaq ebda sottomissjoni;

Rat illi ghalhekk ma jezisti ebda ostakolo sabiex il-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi jirrizulta illi il-bank attur permez ta’ kuntratt Dok. A fl-atti tan-Nutar Dr. Ruben Casingena a fol. 8 et seq. ta’ facilita’ ta’ self f’ammont globali ta’ Eur 97,100 sabiex l-intimata tixtri proprejta’ (Eur80,100) sabiex teffetwa xi xogholijiet ta’ kostruzzjoni, alterazzjoni u benefikati strutturali f’ammont (Eur 12,400) u (Eur4,600) ghal-htigijiet personali.

Il-Bank attur ezebixxa diversi dokumentzzjoni, xhed quddiem din il-Qorti diversi drabi u finalment ipprezenta affidavit bid-dokumenti ta’ komputazzjoni tal-imghaxijiet – vide Dok. A. Peress illi il-bank attur ddepona f’kors ta’ diversi seduti il-kaz ma setghax jinstema skond l-Artikolu 167-170 tal-Kapitolu 12.

Illi din il-Qorti tifhem li kontumaci tfisser kontestazzjoni u mhux ammissjoni. Illi ghaldaqstant din il-Qorti hija tenuta li tivverifika l-ammonti pretizi mill-bank attur b’mod specjali ghal dak li jirrigwarda l-interessi vantati.

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta permezz ta’ Dok. A u B illi l-*home loan* li hadet l-intimata kienet bir-rata ta’ 3.20 per annum, waqt illi l-*personal loan* kienet qeghda b’5% interessi.

Il-Qorti rat u ezaminat l-imghaxijiet pretizi u tgharaf illi l-bank attur qieghed jipretendi rata t’interess bi **tnax fil-mija** (12%)vide fol. 80. – vide l-ahhar paragrafu tar-rikors promotur.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-ewwel talba tal-bank rikorrenti, tilqa’ t-tieni u t-tielet talba tal-bank rikorrenti parzjalment billi tiddikjara l-konvenuta debitrici tal-bank attur fl-ammont ta' €97,100 bir-rata ta’ imghax 6.2% u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-kumpannija attrici l-ammont ta' €97,100; bl-imghax ta’ 6.2% bl-ispejjez ta’ dawn il-proceduri legali kontra l-intimata izda mhux l-ispejjez, bank charges , bank fees u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotorju.

**Moqrija.**

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------